MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 188/2008

**Philip Busuttil (I.D. 62052 M)**

**vs.**

**Kontrollur tad-Dwana.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' Philip Busuttil datat 21 ta' Frar 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi dan l-umli rikors qed isir wara li l-esponenti kien innotifikat b'nota ta' qbid li harget minn l-intimat fit-13 ta' Frar 2008, liema nota ta' qbid kienet tkopri dghajsa proprjeta` tar-rikorrenti bl-isem ta' "Blue Shark 1";

Illi dan ir-rikors qed isir *ai termini* tal-**artikolu 73 tal-Kap 37 tal-Ligijiet tal-Malta**. Illi *inoltre ai termini* tal-**artikolu**

**73 (4)** tal-istess Att, dan l-umli rikors ghandu jigi appuntat fi zmien mhux izjed minn tletin jum mill-prezentata tal-istess rikors;

Illi l-fatti tal-kaz huma illi l-esponenti huwa sid id-dghajsa in kwistjoni. Illi gara li f'xi zmien fix-xahar ta' Gunju 2007, l-esponenti kien avvicinah certu David Cortis li kien talbu jisilfu l-imsemmija dghajsa peress li dan Cortis kien johrog xi persuni sabiex jaghmlu l-attivita ta' "*diving*". Illi Cortis kien spjega lill-esponenti li huwa kien xtaq li jissellef din d-dghajsa peress li skond hu d-dghajsa tieghu (ossia ta' Cortis) kienet bil-hsara;

Illi l-esponenti b'*buona fede* silef din l-opra tal-bahar lil dan Cortis. Illi rrizulta xi jiem wara li l-Pulizija Esekuttiva, u b'mod aktar preciz dawk tad-dipartiment tal-ALE kienu arrestaw lill-imsemmi Cortis ma' xi persuni ohra minn Ghawdex, ghaliex kien qed jigi allegat mill-Pulizija li dawn il-persuni flimkien ma' Cortis kienu impurtaw illegalment xi ghasafar ta' l-ghana minn Sqallija. Illi mitkellem minn l-esponenti Cortis cahad l-allegazzjonijiet u anke l-akkuzi tal-Pulizija migjuba kontra tieghu f'dan ir-rigward. *Inoltre* jidher li jirrizulta li l-ghasafar maqbuda mill-Pulizija anqas ma nstabu fuq l-imsemmija dghajsa u nstabu ghand terzi ohra li l-esponenti anqas biss jaf min huma;

Illi l-esponenti jissottometti b'qawwa u b'kull rispett li huwa kompletament estranju ghal kwalsiasi attivita' kriminuza *o meno*, li allegatament ikkommetta dan Cortis u ghalhekk bhala sid id-dghajsa in kwistjoni qed jikkontesta l-hrug tas-*siezure note* fl-ismijiet hawn fuq premessi peress li l-esponenti jikkontendi b'kull rispett li huwa ma ghandux jigi penalizzat billi tigi kkonfiskata d-dghajsa tieghu minhabba l-agir ta' haddiehor u meta l-esponenti stess ma kellu ebda konnessjoni ma' xi agir. Illi di fatti l-esponenti kien mitkellem mill-Pulizija dwar dan il-kaz izda s'intendi kif hawn inghad ma ttiehdu ebda proceduri kontra l-esponenti peress li ma hemmx raguni dwar 'l ghaliex l-esponenti jittiehdu passi kontra tieghu;

Ghaldaqstant, minhabba fir-ragunijiet moghtija f'dan l-umli rikors u ohrajn li jistghu jinghataw waqt is-smigh tal-istess

l-esponenti jitlob b'rispett lil din il-Qorti li joghgobha tilqa' t-talba tieghu ghall-helsien tad-dghajsa bl-isem "Blue Shark 1" u dan *ai termini* tal-**artikolu 73 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' April 2008.

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana datata 18 ta' Marzu 2008 a fol. 10 tal-process fejn espona: -

(1) Illi preliminarjament l-Avukat Generali ma kienx notifikat bir-rikors *ai termini* tal-**artikolu 181B (3) tal-Kap 12**.

(2) Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrent ma baghatx ittra ta' kontestazzjoni bil-miktub kif jitlob l-**artikolu 72 (2) tal-Kap 37** qabel ma pprezenta dan ir-rikors u ghalhekk din il-procedura mhix wahda valida u skond il-ligi.

(3) Illi d-dghajsa in kwistjoni "Blue Shark 1" inqabdet mill-esponent peress li kienet qed tintuza biex jingarru ghasafar biex jiddahhlu f' Malta, liema oggetti kienu dehlin f'Malta bi ksur tal-ligijiet doganali u fiskali, u ligijiet ambjentali, u ghalhekk hija suggett ghall-konfiska. Ukoll, fuq dawn l-ghasafar kien hemm dovuti madwar EUR 4042 taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa baqghet ma thallsitx.

(4) Illi ghal dawn il-proceduri hu rrelevanti ghal kollox ta' min hi d-dghajsa u jekk sidha kienx jaf bl-uzu illegali li qed isir minnha. Dawn huma proceduri *in rem*, relatati mal-qaghda tal-oggett fil-pajjiz u l-uzu li kien qed isir minnu. Ghalhekk, li hu relevanti ghal dawn il-proceduri hu jekk id-dghajsa kinitx qed iggorr oggetti biex jidhlu f'Malta bi ksur tal-ligi u jekk hu dan il-kaz, allura tkun suggetta ghall-konfiska.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Kontrollur tad-Dwana a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2008 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Marvic Sciberras Abdilla ghall-kontrollur tad-Dwana u rapprezentant tal-istess. Deher ukoll Dr. Edward Gatt li nforma l-Qorti li m' ghandux aktar xi jzid man-nota tat-3 ta' Gunju 2008. Dr. Marvic Sciberras Abdilla trattat verbalment l-eccezzjoni minnha sollevata a bazi tal-**artikolu 72 (2) tal-Kap 37**. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 3 ta' Gunju 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija decizjoni limitata dwar l-eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana li l-procedura ma hijiex wahda valida u skond il-ligi peress li r-rikorrenti ma baghatx ittra ta' kontestazzjoni bil-miktub skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 72 (2) tal-Kap 37.**

Illi fil-fatt jirrizulta li fit-13 ta' Frar 2008 harget nota ta' qbid kontra r-rikorrenti fuq id-dghajsa "Blue Shark 1", u skond l-**artikolu 72** hwejjeg maqbuda skond l-istess **Kap 37** jitqiesu ikkonfiskati u jistghu jigu mibjugha jew isir bihom xorta ohra kemm il-darba minn ghandhu l-haga jew

sidha.....(1) ma jaghtix avviz bil-miktub lill Kontrollur u dan fi zmien tletin (30) gurnata mill-qbid, fejn huwa jitlob lura l-oggetti hekk maqbuda jew li behsiebu jitlobhom lura; (2) fi zmien tletin gurnata minn dak l-avviz, jibda' procedeminent mehtieg quddiem il-qorti civili, skond il-valur tal-haga, b'dan li fin-nuqqas ta' dan il-jedd fuq din il-haga jitqies li jkun mitluq. L-istess proceduri ghandhom isiru b'rikors skond l-**artikolu 73.**

Illi in effetti jirrizulta li l-istess rikorrenti ma ghamel l-ebda avviz bil-miktub kif rikjest taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 72 (2)** izda ghadda biex ipprezenta rikors fil-21 ta' Frar 2008 u cjoe' fi zmien inqas ta' tletin gurnata mid-data tal-istess nota ta' qbid.

Illi r-rikorrenti fin-nota tieghu ssottometta li l-**artikolu 460 (1) tal-Kap 12** ma japplikax ghall-kaz in ezami meta fil-verita' din l-eccezzjoni ma hijiex ibbazata fuq l-istess artikolu, li fil-fatt ma hemmx dubju li ma japplikax ghall-kaz in ezami fis-sens li ma hemmx bzonn li tintbaghat ittra ufficjali qabel ma' ssir il-procedura ghall-kontestazzjoni ta' Nota ta' Qbid.

Illi dan qed jinghad ukoll in vista ta' dak li hemm provdut fl-subartikolu 2 tal-istess artikolu li jghid li d-disposizzjonijiet tas-subartiklu 1 ma japplikawx *"meta skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi ghandha tigi mharsa procedura partikolari, mghadud terminu jew zmien iehor,.............u l-imsemmija procedura maghdud kull terminu jew zmien iehor, ghanda tapplika u tigi mharsa minflokhom".*

Illi fil-kaz partikolari jirrizulta li in effetti l-**Kap 37** jipprovdi ghall-procedura partikolari u termini precizi kif tigi kkontestata nota ta' qbid mahruga taht l-istess Att u dan jikkonsisti kemm fl-ispedizzjoni ta' avviz bil-miktub lill-intimat fit-terminu hemm indikat u wkoll fil-konsegwenti prezentata ta' rikors fiz-zmien hemm stipulat. Jinghad li estratt tal-istess artikoli 72 u 73 gie notifikat lir-rikorrenti flimkien mal-istess Nota ta' Qbid (fol. 4 u 5).

Illi tenut kont ta' dan kollu jirrizulta li r-rikorrenti ma pprezenta l-ebda avviz li kien behsiebu jikkontesta l-istess

nota ta’ qbid u dan meta dan huwa espressament rikjest a bazi tal-**artikoku 72 (2) tal-Kap 37** u ladarba jidher li ghall-kaz in partikolari l-istess Ligi provdiet procedura partikolari kif il-persuna interressata kellha tipprocedi taht l-istess **Kap. 37**, liema procedura ma gietx effettivament segwita mill-istess rikorrenti, ghalhekk din il-Qorti thoss li ma tistax tiddeciedi mod iehor hlief li tilqa’ din l-eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ **it-tieni eccezzjoni tal-intimat Kontrollur tad-Dwana fir-risposta tieghu datata 18 ta’ Marzu 2008** u dan fis-sens li l-procedura uzata mir-rikorrenti ma hijiex skond il-ligi u ghalhekk konsegwentement tiddikjara li l-procedura uzata hija nulla u bla effett peress li ma gie pprezentat l-ebda avviz bil-miktub ta’ kontestazzjoni lill-intimat skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 72 (2) tal-Kap 37** u ghalhekk abbazi tal-istess **tichad it-talba tar-rikorrenti** peress li ma gietx segwita l-procedura ndikata mill-ligi kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------